MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 318/2009

**A B bhala kuratrici**
**ad litem tal-minuri bintha E B nominati**
**b'digriet tad-9 ta' Novembru 2010**

**vs**

1. **C D bhala usufruttwarja / eredi tal-mejjet J D u li ghandha l-patria potestas ta' uliedha minuri D, Z D u K maghruf bhala M D, ilkoll ulied l-istess J D u bhala eredi ta' missierhom J D**
2. **L V B li b'digriet tal-4 ta' Novembru 2009 giet nominata bhala bhala kuratrici sabiex tirrapprezenta lill-minuri E B u b'digriet tad-9 ta' Novembru 2010 l-istess L V B giet estromessa mill-kawza**
3. **Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u J D, maghruf bhala P kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla E B fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (15/12/04) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok A;
2. Illi l-attrici hija xebba u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid taghha hawn anness u market Dok B;
3. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat li missier tat-tarbija bhala li huwa 'father unknown' effettivament missier il-minuri huwa l-mejjet J D hekk kif fil-fatt l-minuri E giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni li l-attrici kellha mal-istess J D;
4. Illi l-attrici ghandha interess li tigi dikjarata l-paternita' tal-minuri E B;
5. Illi J D miet u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt hawn anness u market Dok C u skond ir-ricerki testamentarji tal-istess J D hawn annessi u markati Dok D u E rispettivament, l-mejjet halla lil martu C D bhala uzufrutwarja/u jew eredi u lill-uliedu Maximilian D, Z D u K maghruf bhala Jon Jon D, bhala eredi universali tieghu;
6. Illi qabel il-mewt ghall-gharrieda tal-istess J D kienu diga bdew thejjijiet sabiex il-munuri tigi rikonoxxuta minn missierha tant li anke sar test tad-DNA ghand Dr Christopher Farrugia li qed jigi anness u markat Dok F;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri E B li twieldet fil-15 ta' Dicembru tas-sena 2004 huwa J D;
2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija imsemmija u tordna li partikolarment fil-kolonna intitolata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jidhlu l-kliem J D u l-partikolaritajiet relattivi tal-istess J D ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta, ghall-post tat-twelid u ta' residenza u ghal

isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri E D, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh;
3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa huma ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta L V maghrufa bhala L V B, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi preliminarjament hija qed taghti ruhha notifikata bir-rikors guramentat;
2. Illi hija tammetti t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti u dana ghaliex ohti l-attrici dejjem qaltli li missier it-tifla kien il-mejjet J D u jiena u l-istess J D konna niftehmu biex inmorru nigbru t-tifla minn l-iskola u wkoll meta J D kien ikun mat-tifla, hija kienet tghajjatlu daddy u huwa qatt ma cahad dan;
3. Jiena nigi z-zija tat-tifla u naf li kien sar paternity test li juri li J D huwa missier it-tifla E B;
4. Meta nghid J D qed nirreferi ghal J D ghax hekk konna insibuh bhala J D;
5. Salv risposti ulterjuri;
6. Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta L V maghrufa bhala L Vassallo B;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi in vena preliminari r-rikorrenti għandha tindika taħt liema artikolu tal-liġi hi qegħda tipproponi din l-azzjoni tagħha ħalli b'hekk l-esponenti jkun fil-possibilità li jirrispondi b'mod aktar adegwat għal din il-kawża. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti telucida aħjar taħt liema disposizzjoni tal-liġi hi qegħda tressaq din il-kawża;

2. Illi bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri E B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess, b'referenza għat-tieni talba tar-rikorrenti l-esponenti jinvita lill-partijiet interessati sabiex permezz ta' nota konġuntiva jispeċifikaw l-partikolaritajiet kollha tad-defunt J D ossia (i) id-dokument tal-identità tiegħu, (ii) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri E, (iii) il-post fejn twieled, (iv) il-post fejn kien joqgħod meta twieldet it-tifla E, (v) isem u kunjom missieru u (vi) jekk missieru kienx ħaj jew mejjet meta twieldet it-tifla *de quo*. Dawn id-dettalji huma meħtieġa biex eventwalment jiġu inseriti fl-att tat-twelid numru 4298 tas-sena 2004;

4. Illi subordinatament ukoll u dejjem bla ħsara għas-suriferit, ir-rikorrenti u l-minuri E B kif rappreżentata għandhom jiddeċiedu liema kunjom ħa tassumi l-imsemmija minuri E B a tenur **tal-Artikolu 92 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi, in linea preliminari, l-esponenti teccepixxi umilment illi l-attrici ma tippossjedix l-interess guridiku necessarju sabiex tippromwovi din l-azzjoni f'isimha proprju, in kwantu l-azzjoni hija semmai rizervata lil bintha minuri, E B, u mhux lil omm;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari wkoll, l-azzjoni attrici ma hijiex kontemplata fil-ligi Maltija, in kwantu din qed tigi proposta fil-konfront tal-eredita' tal-persuna illi allegatament hija l-missier, u mhux fil-konfront tal-missier innifsu;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq il-meritu, l-esponenti umilment teccepixxi illi l-premessi u t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attrici, billi l-esponenti ma temminx illi J D kien il-misiser naturali u bijologiku ta' E B;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri illi jistghu jirrizultaw necessarji fil-kors tal-gbir tal-provi attrici, partikolarment in vista tal-fatt illi l-esponenti saret taf b'dawn l-allegazzjonijiet wara l-mewt tad-defunt zewgha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2010;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha E sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmija minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-mejjet J D bhala l-missier naturali minflok ma tibqa' bhala wild ta' *unknown father*.

[1] Esebit a fol 5 tal-process

**Il-Verzjoni tal-attrici**

L-attrici tghid li kienet impjegata tal-mejjet P D u ltaqghet mieghu f’Gunju 2002. Ir-relazzjoni taghhom bdiet f’April 2003. Tghid li P kien jghidilha li r-relazzjoni ma’ martu kienet ilha li spiccat imma kien baqa’ jghix maghha minhabba t-tfal u certu assi. Sussegwentement f’April 2004 harget tqila u r-reazzjoni ta’ P ma kienitx wahda tajba ghaliex beda jxoqq l-gharaq ghalih. Dak iz-zmien l-attrici kellha biss dsatax-il sena. L-attrici hadet id-decizjoni li zzomm it-tarbija u P offrielha l-ghajnuna tieghu bhala habib, ghalkemm hi tikkontendi li riedet l-ghajnuna tieghu bhala missier it-tarbija u mhux bhala habib. Matul it-tqala, qatt ma xtara xejn ghat-tarbija jew staqsiha jekk ghandhiex bzonn ta’ xi haga. Kien taha biss xi flus biex tixtri xi *starter pack* ghall-istudju taghha tal-*beauty therapy*. P ma kienx prezenti ghat-twelid tat-tarbija peress li ohtu hija ginekologa izda mar jara t-tarbija wara l-hin tal-vizitaturi. L-attrici talbitu biex jirrikonoxxi t-tarbija izda hu rrifjuta ghax haseb li jekk issir taf martu, tihodlu t-tfal u dak kollu li kien ghamel fiz-zwieg. Tghid li P kien jibza’ minnha ghaliex kienet agressiva u vjolenti mieghu. Ir-relazzjoni taghhom marret ghall-aghar ghaliex l-attrici ma setghetx taccetta l-fatt li kellha tiehu hsieb lil din it-tarbija wahedha. P min-naha tieghu kien jara lit-tarbija meta l-attrici kienet tmur l-Xpress Printing il-Marsa u d-Dormax Promotional Printing f’Hal Qormi u P kien igorr lit-tarbija kull fejn imorru fil-fabbrika u kien jerfahha fuq hogru ghalkemm kien jirrifjuta li jaghtiha ghajnuna finanzjarja ghaliex kien jghid li m’ghandux flus.

L-attrici tghid li P kien imur ghandha biex jara lil bintu li min-naha taghha dejjem sejhitlu *daddy*. Ir-relazzjoni taghhom spiccat lejn l-ahhar tas-sajf 2005. F’Settembru 2005 kien taha s-somma ta’ Lm150 ghall-ewwel darba. Ghalkemm il-manteniment ma kienx jithallas fil-hin, P kien jipprova jzomm relazzjoni tajba ma’ bintu, tant li darba fost l-ohrajn, l-attrici u bintha ippreparaw sorpriza ghall-*birthday* tieghu kif jirrizulta minn Dok. A esebit a fol 38 tal-process. Tirrakkonta wkoll il-pjanijiet li ghamlu hi u P u tghid ukoll li meta it-tifla bdiet tmur l-*kinder school* u ma

kienitx tkun tista’ tmur ghat-tifla ohtha, kien imur P stess ghaliha biex imbaghad kien jihodhielha lura d-dar.

Regghet ghamlet tentattivi ohra sabiex P jirrikonoxxi lit-tarbija bhala tieghu izda dan baqa’ qatt ma sar ghalkemm tghid li verbalment kien qallha li din kienet ix-xewqa tieghu wkoll pero’ l-ewwel kellu jiehu hsieb certu affarijiet. L-attrici tghid li dawn l-affarijiet li kellu bzonn jiehu hsieb kienu jikkonsistu fis-separazzjoni tieghu mal-mara. Taghlaq billi tghid li hekk kif kienu ser jitrangaw l-affarijiet ta’ bejniethom, P halla din id-dinja.

**Il-Verzjoni tal-intimata C D**

Permezz tal-affidavit taghha C D tghid l-mewt ta’ zewgha J D giet f’daqqa, precizament permezz ta’ incident. Kienu ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni izda qatt qabel id-data meta kienet fil-kamra tal-mortwarja ma kienet semghet li kien hemm xi persuna li kienet qed titlob li jittiehed id-DNA ta’ J. Fil-fatt tghid li meta Dr. Mario Scerri staqsiha jekk tafx fuq xi tifla, hi rrispondiet li hi u J kellhom tlett subien u ma kellhom ebda tifla. Qatt ma kienet semghet xejn dwar din il-vertenza. Kien biss meta rcieviet ittra li kienet datata xhur qabel il-mewt ta’ J u li permezz taghha kien interpEt sabiex jirrikonoxxi lill-minuri E B. Tghid li qatt ma kellha hsieb li zewgha seta’ kellu xi relazzjoni extra-matrimonjali, ahseb u ara li kellu tarbija minn persuna ohra, ghaliex l-unika problema li kellhom kienet wahda finanzjarja. Fil-fatt tiddikjara li qabel ma miet J kien biegh bicca art biex ihallas id-dejn filwaqt li wara mewtu, halla hafna dejn inkluz dak relatat mad-dar matrimonjali taghhom peress li l-polza ta’ assigurazzjoni ma kienitx qieghda tithallas u konsegwentement il-piz ghall-hlas ta’ din il-*loan* waqa’ kollu fuqha. Tghid ukoll li jekk li dak li qed tallega A B huwa minnu, allura l-minuri E hija bla htija. Tistaqsi hafna mistoqsijiet, fosthom ghaliex l-attrici damet biex fethet il-proceduri odjerni u ghaliex wara snin ta’ silenzju, ddecidiet li tikser is-silenzju issa u tappE lil din il-Qorti sabiex tissalvagwardja l-interessi ta’ wliedha.

**L-eccezzjonijiet sollevati**

Illi l-intimata C D tqajjem zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari u cioe’ dik li l-attrici ma tistax tippromwovi l-azzjoni odjerna peress li din hija riservata ghall-minuri u t-tieni eccezzjoni li l-azzjoni attrici m’hijiex kontemplata fil-ligi in kwantu li din hija proposta fil-konfront tal-eredita’ tal-persuna li allegatament hija l-missier.

Dwar l-ewwel eccezzjoni il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta u li permezz taghha awtorizzat bdil fl-okkju tal-kawza b’dan li l-attrici tirrapprezenta l-interessi ta’ bintha[2] u ghalhekk jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni taghha, il-Qorti taghmel referenza ghal Dok. E esebit in atti a fol 10 tal-process li huwa dokument mahrug min-Nutar Joseph Henry Saydon li jiccertifika lill-intimata C D bhala l-uzufruttwarja tal-beni kollha tal-mejjet J D u nnomina lil uliedu bhala l-unici eredi tieghu u dan *stante* li t-testment ta’ J D kien jghid li jekk il-partijiet ma jkollhomx ulied, allura l-intimata martu kellha tkun l-eredi universali tieghu filwaqt li jekk jitwieldu l-ulied, dawn tal-ahhar ghandhom ikunu l-eredi universali tieghu filwaqt li martu jkollha l-uzufrutt fuq il-beni kollha tieghu. Dan necessarjament juri li l-azzjoni odjerna giet intavolata kontra l-legittimi kontradittturi *stante* li l-intimata tirrapprezenta lilha nnifisha bhala l-uzufruttwarja kif ukoll tagixxi ghan-nom ta’ wliedha li huma l-werrieta ta’ J D. L-intimata tikkontendi li l-azzjoni odjerna m’hijiex kontemplata fil-ligi izda l-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 86A tal-Kap. 16 li tghid hekk:

“(1) ***L-omm ta’ iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f’kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-Qorti tordna r-reġistrazzjoni ta’ dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi***.

(2) ***It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista’ wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti***

[2] Ara a fol 92 tal-process

***tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85***".

Il-Qorti tirrileva li mill-qari tal-artikoli relatati mal-filjazzjoni kif ukoll mat-tichid ta' paternita', hemm kontemplati diversi xenarji, fosthom li l-azzjoni tkun tista' titkompla mill-eredi jew mid-dixxendenti tat-tifel li jkun beda l-azzjoni. Fil-kawza odjerna huwa l-missier li lahaq halla din id-dinja, pero' mill-qari tal-artikoli relatati mal-filjazzjoni u l-paternita', m'hemm xejn li jeskludi li azzjoni bhal dik odjerna ma tistax issir kontra l-eredi tal-mejjet li huwa prezunt il-missier biologiku. Huwa principju kardinali li wara l-mewt ta' persuna, l-eredi tieghu jidhlu fiz-zarbun tieghu fl-istess posizzjoni li kien hu qabel ma halla din id-dinja. Ghalhekk jigi rilevat li *stante* li m'hemm ebda dubju li l-intimata u wliedha huma l-werrieta ta' J D, din l-azzjoni necessarjament kellha ssir fil-konfront taghhom.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu d-Direttur tar-Registru Pubbliku jeccepixxi li l-attrici ghandha tindika taht liema artikolu tal-ligi qieghda tinterponi l-azzjoni taghha. Il-Qorti tirrileva li l-attrici baqghet ma indikat ebda artikolu tal-ligi partikolari ghall-finijiet ta' din l-eccezzjoni, pero' minn dak citat jidher car li l-attrici qieghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-Artikolu 86A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jirrizulta car mill-premessi u mit-talbiet tar-rikors promotur kif ukoll mix-xhieda prodotti fil-mori tal-kawza. Ghalhekk il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz tal-provi migbura li ma hallew ebda lok ghal interpretazzjoni dwar x'qieghda titlob l-attrici u taht liema bazi legali.

**Il-Mertu tal-kaz Odjern**

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda mressqa mill-attrici permezz tal-affidavits li bil-mod taghhom kollha jikkonfermaw li kienu jafu bhala stat ta' fatt li J D huwa l-missier tal-minuri E. Izda ghalkemm tali affidavits jitfghu dawl fuq il-fatti, dawn m'humiex minnhom infushom, prova tal-paternita' ghaliex ma jaghtux certezza dwar min verament huwa l-missier tal-minuri. Juru biss li ghalihom kien jidher li huwa hekk. Ic-certezza ta' paternita' tohrog

mit-test tad-DNA li huwa l-prova regina f'kazijijiet simili ghal dawk odjerni. F'dan l-istadju ssir referenza ghat-test ta' DNA li kien lahaq sar tul il-hajja ta' J D[3] li juri li hu l-missier naturali tal-minuri E B (kif wara kollox jikkonferma wkoll ix-xhud Christopher Farrugia)[4] kif ukoll ghat-test ta' DNA[5] li sar wara li l-Qorti laqghet it-talba biex isir l-ezami komparattiv mill-kampjani elevati waqt l-awtopsja ta' J James D, u li permezz tieghu gie konfermat li l-mejjet J James D huwa verament il-missier tal-istess minuri. Il-Qorti m'ghandha ebda dubju dwar dan it-test u r-rizultat tieghu u dan anke in vista tax-xiehda tal-espert mediko legali Dr. Mario Scerri li jixhed li l-kapjuni elevati waqt l-awtopsja huma siggillati u puri minghajr ebda forma ta' kontaminazzjoni kif ukoll in vista tal-fatt li tali rizultat jikkombaca mar-rizultat tad-DNA test li kien lahaq sar matul il-hajja ta' J D.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri E B li twieldet nhar il-15 ta' Dicembru 2004 huwa J D;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E B b'dan illi fil-kolonna intitolata 'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier' jidhlu l-kliem 'J D' minflok 'father unknown', jigu mizjuda wkoll id-dettalji u l-partikolarijiet tal-istess J D inkluza l-karta tal-identita' tieghu 285364M, l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri u cioe' 40, il-post tat-twelid tieghu u cioe' Attard, il-post fejn kien joqghod fiz-zmien tat-twelid tal-minuri u cioe' l-Madliena, isem u kunjom missieru u cioe' Maxamillian D li kien haj meta twieldet il-minuri. Kunjom il-minuri ghandu jkun D B.

Bl-ispejjez kontra il-konvenuta C D.

---

[3] Esebit a fol 11 tal-process
[4] Ara x-xhieda tieghu datata t-18 ta' Jannar 2011
[5] Esebit a fol 135 tal-process

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------